Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-7 ta' Novembru 2023**

**Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**Versus**

**Duncan Paul Sciberras**
**(415687M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Duncan Paul Sciberras** ta' 36 sena, iben Paul u Maria Loreta nee' Fenech imwieled Pieta' fit-18 ta' Settembru 1987, detentur tal-karta tal-identita' 415687M u residenti 43, Triq it-Tliet Knejjes, Balzan

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Mejju 2020 ghall-habta ta' bejn 12:05 hrs u l-12:14 hrs, nhar l-4 ta' Mejju, 2020 ghall-habta ta' bejn 12:06hrs u 12:13hrs u nhar is-17 ta' Settembru 2018 ghall-habta tat-13:33hrs gewwa l-istabbiliment Smart Supermarket sitwat fi Triq in-Naxxar, Birkirkara b'diversi atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi anka jekk saru fi granet u hinijiet diversi, f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Ikkommetta serq semplici ghad-dannu ta' Mark Elroy Ciantar

U aktar talli nhar l-1 ta' Mejju, 2020 ghall-habta ta' bejn it-8:35 hrs u d-8:40hrs gewwa l-istabbiliment Valyou Supermarket sitwat fi Triq il-Parrocca, Naxxar;

2. Ikkommetta serq semplici ghad-dannu ta' Malcolm Mintoff.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn mix-xhieda tieghu stess ddikjara illi hu kien hallas ghal dak kollu illi kien seraq.

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda ta' l-imputat, hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Illi rigward il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni r-rapport ta' l-Agenzija Sedqa dwar il-progress ta' l-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, izda bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jwettaqx reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Illi ai termini ta' l-**Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**